MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 1054/2007

**Perla Hotels Limited**

**vs**

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-11 ta’ Ottubru 2007 li jghid hekk:

1. Illi permezz ta' skrittura iffirmata bejn rappresentant tas-socjeta attrici u rappresentant tas-socjeta konvenuta, hawn annessa u mmarkata "Dokument A", is-socjeta konvenuta accettat li tikkonsenja u tinstalla sistema ta' air-conditioning u hot water gewwa l-lukanda tas-socjeta attrici ossija "Gorgianis Hotel" fil-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, a bazi ta' specifications li rrakkomandat l-istess socjeta konvenuta fuq ir-rekwiziti tas-socjeta attrici;

2. Illi l-apparat konsenjat u installat mis-socjeta konvenuta mhux qed jaqdi l-funzjonijiet illi ghalihom gie ordnat mis-socjeta attrici stante illi s-sistema mhux qed tiffunzjona kif imwieghed u pattwit;

3. Illi s-sistema konsenjata u installata mis-socjeta konvenuta baqghet ghadha qatt ma giet totalment commissioned jew sar hand over mill-istess socjeta konvenuta ghalkemm mitluba taghmel dan kemm il-darba mis-socjeta attrici u dan ghad-dannu tal-istess socjeta attrici. Effettivament, sallum is-socjeta attrici hallset biss Lm3,000 mal-ordni izda ma sar l-ebda pagament iehor akkont tal-prezz ta' din is-sistema, anke minhabba l-fatt illi s-socjeta konvenuta lanqas biss harget invoice;

4. Illi inoltre, nonostante imsejha diversi drabi sabiex taghmel xoghol ta' riparazzjoni u manutenzjoni fuq l-apparat konsenjat u nstallat minnha, is-socjeta konvenuta ripetutament injorat dawn it-talbiet minghajr raguni valida;

5. Illi hekk kif evidenzjat mir-rapport mahrug mill-Inginjier Christopher Sammut, illi ezamina s-sistema installata fil-lukanda "Giorgianis" fil-Bajja ta' San Gorg, San Giljan mis-socjeta konvenuta, hawn anness u mmarkat "Dokument B", jirrizulta illi din is-sistema kif konsenjata u nstallata mis-socjeta konvenuta fiha bosta difetti rizultanti minn "poor workmanship, potentially incorrect equipment selection and system sizing, poor project management and poor co-ordination between trades and the building structure';

6. Illi dawn il-konkluzjonijiet gew konfermati wkoll minn rapport imhejji mill-Inginjier Fabio Stivala illi analizza s-sistema installata fil-lukanda "Giorgianis" fil-Bajja ta' San Gorg, San Giljan mis-socjeta konvenuta, hawn anness u mmarkat "Dokument C", illi filwaqt illi jelenka d-diversi nuqqasijiet fis-sistema, jikkonkludi illi "getting the existing system to function correctly may be a difficult task";

7. Illi ghalkernm interpellata diversi drabi sabiex tirrimedja dawn in-nuqqasijiet, is-socjeta konvenuta baqghet ghal kollox inadempjenti.

8. Illi s-socjeta attrici qeghdha ssofri danni konsiderevoli stante li s-sistema mhix qed tiffunzjona kif imwieghed b'rizultat illi diversi persuni residenti fil-lukanda tas-socjeta attrici qeghdin iressqu l-ilmenti taghhom f'dan ir-rigward;

9. Illi n-nuqqas ta' sistema adegwata ta' air-conditioning u hot water fil-lukanda tas-socjeta attrici qeghdha thalli effett negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-istess socjeta u l-lukanda li hi tmexxi u topera u b’hekk qed tikkaguna telfien ta' dhul lil-istess socjeta attrici;

Ghaldaqstant, tghid is-socjeta konvenuta ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex, f'dak iz-zmien qasir u perentorju illi tistabilixxi dina l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop u taht id-direzzjoni u supervizjoni ta' Ingenjier Mekkaniku li jigi nominat ghall-istess skop, taghmel u tezegwixxi, a spejjez tal-istess socjeta konvenuta, dak kollu necessarju sabiex is-sistema ta' air-conditioning u hot water installata mis-socjeta konvenuta gewwa l-lukanda tas-socjeta attrici ossija "Gorgianis Hotel" fil-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, tigi reza funzjonabbli, commissioned u jsir hand over tal-istess sistema lis-socjeta attrici, skond il-kwalita u l-mod imwieghed;

2. Fin-nuqqas, tawtorizza lis-socjeta attrici sabiex tezegwixxi, okkorendo bl-opera tal-istess Ingenjier Mekkaniku nominat, dawk ix-xogholijiet kollha mfissra fl-ewwel talba attrici, a spejjez tal-istess socjeta konvenuta;

3. Fl-eventwalita illi jirrizulta illi x-xoghlijiet mfissra fl-ewwel talba attrici ma jistghux isiru, tiddikjara illi s-sistema ta' air-conditioning u hot water gewwa l-lukanda tas-socjeta attrici ossija "Gorgianis Hotel" fil-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, ma hijiex tal-kwalita pattwita u konsegwentement

tordna x-xoljiment tal-kuntratt tal-bejgh u installazzjoni tal-istess sistema u r-rifuzjoni ossija hlas lis-socjeta attrici tas-somma ta' tlett elef liri Maltin (Lm3,000) gja imhallas mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta akkont tal-prezz tal-istess sistema;

4. Konsegwentement ghat-tieni talba attrici tordna wkoll lis-socjeta konvenuta sabiex tnehhi s-sistema ta' air-conditioning u hot water minn gewwa l-lukanda tas-socjeta attrici ossija "Gorgianis Hotel" fil-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, kif ukoll illi tirripristina l-lukanda fl-istat originali taghha b'konsewgenza tat-tnehhija ta' tali sistema, dana kollu f'dak iz-zmien qasir u perentorju li jigi iffissat minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo taht id-direzzjoni u s-supervizjoni tal-istess Ingenjier Mekkaniku nominat, u a spejjez tal-istess socjeta konvenuta;

5. Fin-nuqqas, tawtorizza lis-socjeta attrici sabiex tezegwixxi, okkorendo bl-opera tal-istess Ingenjier Mekkaniku nominat, dawk ix-xogholijiet kollha necessarji sabiex is-sistema konsenjata u nstallata mis-socjeta konvenuta tigi mnehhija mill-lukanda tas-socjeta attrici u ritornata lis-socjeta konvenuta, kif ukoll illi l-lukanda tigi ripristinata l-lukanda fl-istat originali taghha b'konsewgenza tat-tnehhija ta' tali sistema, dana kollu a spejjez tal-istess socjeta konvenuta;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hi ngunta ghas-subizzjoni.

B'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta skond il-ligi, inkluz dik ta' danni, rizultanti wkoll mill-hsarat li talvolta jistghu jigu kagunati lill-lukanda waqt it-tnehhija tas-sistema.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. In kwantu ghall-eccezzjonijiet:

1.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li (a) l-

eccipjenti, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzioni tal-kawza, esegwiet l-appalt lilha moghti skond l-arti u s-sengna u ai termini tal-ftehim ossija acknowledgement of order iffirmat bejn il-partijiet (Dok. A); (b) fil-fatt il-hlas imsemmi mir-rikorrenti ta' Lm3000 sar wara li tlestew u gew kkommissjonati x-xogholijiet kollha konnessi mal-istess appalt; u (c) l-eccipjenti ma kkawzat ebda danni lill-attrici.

1.2. Illi ghall-kuntrarju, l-eccipjenti minn-naha taghha ghad ghandha tiehu minghand ir-rikorrenti s-somma bilancjali ta' Lm33,601.78, oltre l-imghax kummercjali, u dana kif ser jigi spjegat fil-kontro-talba annessa.

2. Illi dwar il-fatti dikjarati mir-rikorrenti l-esponenti jwiegeb dan li gej:

2.1. Illi s-socjeta konvenuta giet inkarigata minn Anton Busuttil Dougall ghar-rikorrenti biex tinstalla sistemi ta' air-conditioning u hot water gewwa l-lukanda Gorgianis f'San Giljan. L-esponenti harget quotation li giet accettata mir-rikorrenti u kkonfermata fl-acknowledgement of order 3 - 2006 (Dok. A ).

2.2. Ix-xoghol beda hekk kif gie ffirmat l-acknowledgement of order u tlesta kollu skond l-arti u s-sengha u fit-termini tal-istess ordni. Kif tlesta l-appalt dan gie kkommissjonat u nghatat handover Iir-rikorrenti, kollox kif ser jirrizulta aktar ‘l quddiem waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2.3. Kif jidher mill-acknowlegement of order (Dok. A), ir-rikorrenti kellha thallas l-ammont minnha dovut fi zmien erba' snin f'erba' pagamenti ugwali. Ghalhekk, kif miftiehem, l-esponenti harget l-ewwel invoices wara li tlesta u gie kkommissjonat ix-xoghol kollu. Fil-fatt, ir-rikorrenti hallset it-Lm3,000 minnna riferita fit-18 ta' Settembru 2006 wara li gie kkommissjonat ix-xoghol.

2.4. Illi s-sistemi nstallati mill-esponenti kienu jahdmu tajjeb u minghajr problemi kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza. Meta t-technicians issejjhu biex jaraw ghalfejn is-sistema tal-heating ma kienetx qed tiftunzjona tajjeb, dawn sabu c-cilindri tal-gas vojta ghaliex ir-

rikorrenti ma haditx hsieb tbiddilhom Li tibdel cilindru tal-gas la hu hsara u lanqas manutenzjoni u ghaldaqstant dan ma kienx xoghol l-impjegati tal-esponenti.

2.5. Ir-rapporti tal-inginiera mqabbda mir-rikorrenti huma zbaljati teknikament ghaliex is-sistemi fil-fatt jahdmu tajjeb kif ser jirrizulta mill-provi.

2.6. L-esponenti ghad ghandhom jiehdu mingband ir-rikorrenti s-somma bilancjali ta' Lm33,601.78 u dan il-kreditu jirrappresenta l-mertu tal-kontro-talba kontra r-rikorrenti annessa ma' din ir-risposta.

3. Illi l-esponenti titddikjara s-segwenti xhieda:

1. Raymond Mallia. Victor Cassar, Albino Formosa u impjegati ohra ta' Blye Engineering Co. Ltd., l-Inginier Mario Magri tal-Gas Division tal-Korporazzjoni Enemalta u x-xhieda indikati mir-rikorrenti - kollha ghall-konferma tal-fatti fuq dikjarati.

2. Ir-rappresentanti tar-rikorrenti in subizjoni.

Rat il-kontrotalba tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi, kif jirrizulta mit-Transaction History (Dok. RM1), l-esponenti kellha tiehu mingband is-socjeta rikonvenzjonata Perla Hotels Ltd. is-somma ta' Lm36,601.78, kwantu ghal Lm34,526.80 skond l-Acknowledgement of Order 3-06 tal-5 t'April, 2006 (Dok. A, i.e. Lm29,260 + 18% VAT) u kwantu ghal Lm2,074.98 ghal servizzi relatati skond l-invoices esibiti (Dok. RM2 tal-21/8/06 u RM4 tat-8/3/07);

2. Illi, minkejja li tlesta l-appalt kollu u s-sistemi gew ikkommissjonati ir-rikonvenzjonata hallset biss is-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) fit-l8 ta' Settembru 2006 li jkopru l-invoices esibiti (Dok. RM2 u RM3) u ghalhekk ghad baqghalha thallas lill-esponenti l-bilanc ta' tlieta u tletin elf sitt mija u wiehed liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm3,360 1.78) kif jirrizulta mit-Transaction History (Dok. RM1);

3. Illi skond l-acknowledgement of order (Dok. A) ir-rikonvenzjonata kellha thallas l-ammont dovut ta' Lm34,526.80 fi zmien erba' snin f'erba' pagamenti annwali ugwali, bl-ewwel jithallas malli jitlesta l-appalt;

4. Illi r-rikonvenzjonata, kif ser jirrizulta mill-provi, naqset kapriccjozament mill-obbligu taghha li thallas dak li kien dovut u ghalhekk hija ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu (art. 1068 u 1079 tal-Kodici Civili) u llum ghandha thallas il-bilanc kollu dovut, kif fuq spjegat, ta' Lm33,601.78;

5. Ghaldaqstant ir-rikonvenzjonanti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

a. Tiddikjara li, minhabba l-inadempjenza kuntrattwali kapriccjuza da parti taghha kif spjegat hawn fuq, ir-rikonvenzjonata ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu ai termini tal-artikolu 1068 u 1079 tal-Kodici Civili (Kap.16);

b. Tiddikjara li l-esponenti esegwiet l-appalt moghti lilha mir-rikonvenzjonata skond l-arti u s-sengha u ai termini tal-ftehim/acknowledgement of order (Dok. A) u ghalhekk gbandha tithallas mir-rikonvenzjonata i-bilanc kollu minnha dovut skond it-Transaction History (Dok. RM1) u d-Dokumenti l-ohra esibiti;

c. Tikkundanna lir-rikonvenzjonata thallas lill-esponenti s-somma bilancjali minnha dovuta ta' tlieta u tletin elf sitt mija u wiehed liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm33,601.78) kif fuq spjegat;

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali kontra s-socjeta rikonvenzjonata li r-rappresentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizjoni,

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta attrici ghall-kontrotalba li tghid hekk:

1. Illi, ghal ragunijiet gja spjegati fir-rikors promutorju tas-socjeta attrici, it-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta konvenuta jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-

istess socjeta konvenuta, stante illi s-sistema konsenjata u installata mis-socjeta konvenuta mhux qed tiffunzjona kif imwieghed u pattwit;

2. Illi hekk kif evidenzjat mir-rapporti separati u ezebiti bhala Dokument B u Dokument C mar-rikors promutorju, is-sistema giet ezaminata minn zewg Inginjiera esperti, illi t-tnejn waslu ghall-konkluzjoni illi s-sisterna installata fil-Iukanda "Giorgianis" fil-Bajja ta' San Gorg, San Giljan mis-socjeta konvenuta, fiha bosta difetti rizultanti minn "poor workmanship, potentially incorrect equipment selection and system sizing, poor project management and poor co-ordination between trades and the building structure", oltre illi "getting the existing system to function correctly may be a difficult task”;

3. Illi, oltre dan, is-sistema konsenjata u installata mis-socjeta konvenuta baqghet ghadha qatt ma giet totalment commissioned jew sar hand over mill-istess socjeta konvenuta ghalkemm mitluba taghmel dan kemm il-darba mis-socjeta attrici u dan ghad-dannu tal-istess socjeta attrici;

4. Illi barra minn hekk, nonostante imsejha diversi drabi sabiex taghmel xoghol ta' riparazzjoni u manutenzjoni fuq l-apparat konsenjat u nstallat minnha, is-socjeta konvenuta ripetutament injorat dawn it-talbiet minghajr raguni valida, tant illi s-socjeta attrici giet kostretta tqabbad is-servizzi ta' terzi, kif jirrizulta fost xhieda ohra li ser tigi prodotta minnha, mid-Dokument hawn anness bhala Dokument 'F';

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba konvenuta ghall-hlas timmerita illi tigi michuda, sew minhabba r-ragunijiet hawn fuq esposti, sew ghaliex effettivament sallum is-socjeta konvenuta baqghet lanqas biss harget invoice, u sew minhabba l-inapplikabilita tal-artikoli 1068 u 1079 tal-Kap. 16 citati mis-socjeta konvenuta fir-rikors rikonvenzjonali taghha. Effettivament, is-socjeta attrici ma ghandha taghti xejn lis-socjeta konvenuta;

6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet konvenuti jinkludu talbiet ta' hlas ghal servizzi illi jew ma gewx rezi fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tas-socjeta konvenuta, ossija gew rezi necessarji minhabba l-malfunzjonament tas-sistema kif originarjament imwieghed u pattwit mis-socjeta konvenuta.

Rat l-atti inkluz ir-relazzjoni tal-espert tekniku l-Inginier Carmel Cuschieri u r-relazzjoni tal-periti addizzjonali l-Inginier Ray Spiteri u Dr. Kevin Camilleri Xuereb, u dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett d'ostakolo.

**Ikkunsidrat**

**Talbiet u kontestazzjoni**

Illi f'dina l-kawza s-socjeta attrici qed titlob li jigi msewwi l-impjant li kienet ikkummissjonat lis-socjeta konvenuta u fin-nuqqas li jithassar l-kuntratt u tinghata lura l-flus li diga hallset, oltre riserva ghad-danni. Min-naha l-ohra s-socjeta konvenuta wiegbet li t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi x-xoghol sar skont is-sengha u l-arti, u permezz ta' kontrotalba talbet il-hlas tal-bilanc ta' Lm33,601.78 dovut lilha fuq il-kuntratt t'appalt. Ghal din il-kontrotalba s-socjeta attrici wiegbet billi rribadiet il-posizzjoni taghha kif kontenuta fir-rikors promotorju taghha.

Is-socjeta attrici qed tghid li hija firrimat skrittura Dok. A mas-socjeta konvenuta sabiex din tal-ahhar tikkonsenja u tinstalla sistema ta' air-conditioning (kiesah u shun) u hot water gewwa l-lukanda tas-socjeta attrici, "Gorgianis Hotel" fil-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, a bazi tal-ispecifications li rrakkomandat l-istess socjeta konvenuta fuq ir-rekwiziti tas-socjeta attrici, liema socjeta attrici pero ssostni li fil-fatt is-sistema mwahhla mhux qed taqdi l-funzjonijiet li ghalihom giet ordnata u mhux tiffunzjona kif

pattwit bejn il-partijiet u lanqas ma giet commissioned u mghoddija lis-socjeta attrici.

**Relazzjoni Perit C. Cuschieri**

L-ewwel perit tekniku nominat mill-Qorti, Ing. Carmel Cuschieri, kien pprezenta rapport fejn ippremetta li Acknowldgement of Order Dok. A fol. 7 kien l-uniku dokument li juri x'gie pattwit u miftiehem bejn il-partijiet u ghalhekk kien dokument importanti ghax juri x'gie pattwit u miftiehem u minnu hu u anke l-Qorti seta jiddeciedi jekk dak li gie kkonsenjat kienx skont dak li gie pattwit.

Dan id-dokument isemmi li gie miftiehem li s-socjeta konvenuta kellha:

To supply and install two air to water chillers on roof.
To supply and install pipe work to feed all air-conditioning units.
To supply and install two water pumps for chilled water-circulating system.
To supply and install four gas boilers on roof.
To supply and install hot water pipe work including return to supply existing bathrooms.

Il-prezz ghal dan ix-xoghol kien ta' Lm24,560.00 ghal air-conditioning system u Lm4,700.00 ghal hot water system. Prezzijiet minghajr VAT.

Il-perit tekniku irrileva li ma' dan l-order ma kienx hemm technical specifications u lanqas xi forma ta' drawings u jattribwixxi dan in-nuqqas ghaz-zewg nahat.

Wara li ta deskrizzjoni tas-sistema mwahhla, l-osservazzjonijiet li saru waqt l-access u sunt tax-xhieda prodotta, l-perit tekniku qal li fuq is-sistemi tal-airconditioning u d-domestic hot water (l-ilma shun tal-kmamar tal-banju) ma hemmx ilmenti u s-sistema hadmet il-bicca l-kbira tas-sajf 2006 minghajr problemi (ara para. 16-18 tar-rapport fol. 373).

L-ikbar ilment kien li fix-xitwa, meta s-sistema kienet mistennija li tahdem fuq il-heating, is-sistema ma bdietx tlahhaq. Il-perit osserva li l-pipes, fan coils u circulation pumps kienu tajbin zgur u li jrid jigi stabbilit kien jekk is-sistema tal-boilers, li hi s-sors tas-shana, kinenitx bizzejjed. Li hu zgur, skont il-perit, li l-boilers kienu bizzejjed ghal domestic hot water, fix-xitwa u fis-sajf. Il-perit imbaghad analizza x'kienet ir-raguni li kien hemm il-problema bil-heating fix-xitwa (ara para. 24 et. seq. fol. 374).

Il-perit ikkonkluda fil-para. 65 (fol. 379) li r-raguni principali tal-problemi tal-heating kien is-supply tal-gas u l-fatt li c-cilindri tal-gas kellhom bzonn jinbiddlu spiss, circa bejn jumejn u erbat ijiem.

Izda fil-para. 54 (fol. 378) il-perit jistaqsi "Kienet ir-responsabilita' li s-socjeta konvenuta li kellha tinforma lis-socjeta attrici rigward l-uzu tal-gas water heater u l-fatt li dan biex jahdmu, specjalment fix-xitwa, jridu hafna gas?" Hu jghid li "Din hija mistoqsija li r-relatant ma jistax iwiegeb u jhalliha f'idejn il-gudizzju ghaqli ta' dina l-Onorabbili Qorti biex tiddeciedi hija".

Fil-para. 62 (fol. 379) il-perit jispjega "li kieku c-cilindri tal-gas kienu jinbidlu b'mod regolari u iktar kien jintuzaw il-warming jackets, kieku is-sistema setghat tahdem b'mod normali". Inoltre billi "l-konsum tal-gas fix-xitwa jkun gholi dan johloq inkonvenjent ta' garr spiss tac-cilindri u l-bdil spiss taghhom. Jekk din tikkostitwixxi nuqqas jew le u jekk iva nuqqas kbir jew zghir, ir-relatant ihalli fil-gudizzju ghaqli tal-Qorti".

B'referenza ghad-Dok. A, **<u>il-perit ikkonkluda li dak li hemm imnizzel fil-ftehim gie kkonsenjat kollu.</u>**

Item 1. Air conditioning units Qty 68 saru
Item 2. Air to water chillers Qty 2 saru
Item 3. Pipes ghal air conditioning LS saru (ara kumment fuq l-insulation (ara para. 40 fol. 376)
Item 4. Circulation pumps chilled water Qty 2 saru
Item 5. Gas Boilers Qty 4 saru

Item 6. Pipes tal-hot water Qty 1 saru (ara kumment fuq l-insulation).

Ghalhekk skont il-perit l-ammont li qed titlob is-socjeta konvenuta (fil-kontrotalba) huwa ta' Lm33,601.78 (jew €78,271.10) li mhux kontestat (Dok. A fol. 7). Il-perit kien tal-fehma illi minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu Euro 3000 minhabba l-insulation; €250 ghal feed and expansion tank u €500 ghal built drawings u manual. B'kollox mela s-socjeta attrici trid thallas lis-socjeta konvenuta s-somma ta' €74,521.10.

**Relazzjoni teknika addizzjonali**

Is-socjeta attrici ma qablitx ma' dawn il-konkluzzjonijiet, mentri s-socjeta konvenuta ma qablitx ma' dawk il-konkluzzjonijiet tal-perit li ma kienux favorevoli ghaliha.

B'digriet tat-3 ta' Marzu 2011 (fol. 406), fuq talba tas-socjeta attrici, il-Qorti innominat lil Inginier Ray Spiteri bhala perit tekniku addizzjonali u lil Dr. Kevin Camilleri Xuereb bhala perit legali biex jassisti lil perit pekniku addizzjonali fil-procedura waqt is-seduti u fir-relazzjoni tar-rapport tekniku, spejjez provizorjament tas-socjeta attrici. Kienet saret talba mis-socjeta konvenuta biex dana l-inkarigu jigi revokat billi fil-frattemp gie allegat minnha li fis-sistema mwahhla mis-socjeta konvenuta u li dwarha rrelata l-ewwel perit tekniku, kienu saru kambjamenti kbar. Il-Qorti b'degriet tal-14 ta' Gunju 2011 (fol. 458) cahdet it-talba billi l-periti addizzjonali urew il-fehma li setghu jkomplu bl-inkarigu taghhom anke jekk ghalissa ma tigix repristinata s-sistema kif kienet qabel saru l-modifiki, u kif offriet li taghmel is-socjeta attrici.

Il-periti addizzjonali pprezentaw ir-rapport taghhom fis-27 ta' Awissu 2012 (fol. 671) fejn ittrattaw l-aspett tekniku biss tal-vertenza in konnessjoni mal-ewwel talba tas-socjeta attrici minghajr ma dahlu (kif ghamel l-ewwel periti tekniku) fil-bqija tat-talbiet u it-talba rikonvenzjonali. Minhabba n-natura u l-lingwagg tekniku tal-kwistjoni, fuq talba tal-istess periti addizzjonali, gie degretat fit-13 ta'

Gunju 2012 (fol. 494) li r-relazzjoni tigi pprezentata bl-ilsien Ingliz.

Il-perit tekniku addizzjonali sab illi:

**a. For the chilled water system:**
i.Only one chiller has been supplied and what is installed is not in conformity with statutory requirements;
ii. No commissioning has been carried out for the chiller installed;
iii. Incorrect plumbing material used;
iv. Incorrect fan coil unit selection installed resulting also in oversized circulating pumps;
v. Defects in the insulation system;
The re-instatement of this system requires that the system is dismantled and the agreed system as per Acknowledgement of Order (Dok. “A” Page 7) is installed.

**b. For the space heating hot water system:**
The plumbing system forms part of the chilled water system and therefore must be replaced. In addition the same applies to the fan coil units which are not suitable by design for this application. The use of hot water generating equipment i.e. the boilers using LPG as the fuel is to be evaluated.
The re-instatement of this system which uses the same plumbing and fan coil units as that of the chilled water system requires that it is dismantled.

**c. For the domestic hot water system:**
i. Incorrect system design with regards to the selection of equipment;
ii. Incorrect supply and installation of gas fired water boilers;
iii. Incomplete plumbing system due to lack of expansion joints;
iv. Defects in the insulation system
The re-instatement of this system requires that the system design be evaluated in relationship to the fuel to be used for the hot water generating equipment.
Only the plumbing and insulation of the hot water system are to be rectified as per manufacturer's

recommendations and best practice since all the other items namely the gas fired water boilers are still to be supplied.

**Tikkunsidra**

Illi kif gja nghad, il-kawza fl-ismijiet premessi u l-kontro-talba fl-ismijiet inversi tirrrigwarda appalt moghti mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta biex tisspulixxi u tistalla sistema ta' arja kondizzjonata u ta' ilma shun a bazi ta' ftehim Dok. A bil-prezz hemm miftiehem.

Biex wiehed jaghraf jekk negozju partikolari huwiex appalt inkella bejgh, jidher li l-kriterji distintivi huma l-prevalenza tal-parti tax-xoghol moghti fuq l-aspett tal-materjal fornit, b'mod li l-parti "di fare" tkun l-aktar f'idejn l-appaltatur u t-tmexxija tkun b'riskju tieghu (**Angela Cassar vs J & C Farrugia Ltd**, PA 04/06/2004). Dawn il-kriterji ghandhom johorgu mir-rieda tal-partijiet imdahhla fin-negozju partikolari li jkun (**Camilleri vs Mamo noe**, Kumm 28/08/1951, Kollez. Vol: XXXV.iii.639). Meta, imbaghad, il-haga li tintalab titwettaq ma tkunx semplici ghazla ta' oggett li minnu l-appaltatur iwettaq fil-produzzjoni ordinarja tieghu, dak in-negozju ma jibqax aktar wiehed ta' bejgh, imma jiehu x-xehta kollha ta' kuntratt ta' appalt[1].

Illi fil-kaz in ezami minn dak li qed titlob is-socjeta attrici, ir-rimedji mitluba minnha kif ukoll l-istess eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta jidher car li n-negozju bejn il-partijiet kien wiehed t'appalt.

Meta wiehed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jaghmel dan bl-ghaqal ta' missier tajjeb tal-familja (art. 1132(1) Kap. 16). B'mod partikolari, l-appaltatur irid iwettaq il-hatra moghtija lilu bil-hsieb li x-xoghol konsenjat ikun ta' fejda ghall-appaltant u juri ghaqal li jassumi s-sens ta' professjonalita' teknika u hila li l-istess appaltatur irid juri billi jhares f'kull waqt il-kawteli u l-metodi li jitolbu minnu s-sengha u l-arti partikolari, u billi

[1] **Anthony Marcel Pace Axiaq noe vs Joseph Camilleri et**, PA 28/01/2004 ghal tifsira tad-distinzjoni bejn iz-zewg tipi ta' kuntratt; ara wkoll **Bartolo vs Eleosar Co.Ltd**, PA 15/042013

f'kull waqt izomm kontroll attent u xieraq ta' dak li jkun qieghed jaghmel jew qabbad lil haddiehor jaghmel f'ismu (**Tal-Franciz Construction Ltd et vs Anglu Zarb**, App Inf 15/07/2009).

Il-massima generali hi li jekk ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt ma jkunx kollu lest jew ma jkunx kollu ezegwit skond is-sengha, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-hlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta' dak ix-xoghol, ghax meta x-xoghol, li ghalih gie pattwit prezz determinat ma jkunx kollu lest, l-appaltatur ma jistax jitlob il-hlas, la kollu u lanqas parti minnu (ara **Antonio Pisani v. Carmelo Debattista**, PA 08/05/1958).

Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna jidher ukoll li ittemperat b'mod ekwitattiv f'certi kazjiet ir-rigidita tal-massima generali. Dan jidher car mid-diversi sentenzi citati mill-Qorti ta l-Appell fis-sentenza taghha tal-24 ta' Jannar, 1975 fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Mallia noe. v Ivan John Fonk**. Hekk, per ezempju, fil-kawza **Roberto Micallef vs Joseph Mamo pro. et noe**, Qorti tal-Kummerc, 9 ta' Marzu, 1939, il-kommittent gie ordnat ihallas il-prezz ta' appalt stabbilit a misura meta kien hemm xi difett parzjali ritenut <u>mhux sostanzjali</u> fix-xoghol, biss gie awtorizzat jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti. Invece, fil-kaz **Francesco Desira vs Il-Markiz Antonio Barbaro di San Giorgio**, Appell Civili, 7 ta' Marzu, 1958, giet michuda t-talba ghall-hlas tal-prezz ta' fornitura u tqeghid ta' madum fuq il-motiv <u>illi x-xoghol ma kienx sar skond ma titlob is-sengha.</u>

Il-kwistjoni tal-hlas o meno regghet tqajjmet u giet risolta b'mod ekwitattiv fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Ottubru, 1989 fil-kawza fl-ismijiet **Francis Mallia et noe vs Edwin Magri**, fejn inghad, inter alia, hekk: "....il-Qrati Taghna f'certi kazijiet ordnaw il-hlas tal-prezz ta' l-appalt stabbilit a misura, meta kien hemm <u>difetti parzjali</u> u mhux sostanzjali fix-xoghol, izda ordnaw lill-kommittent jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti. F'kazijiet ohra fejn ix-xoghol kien ezegwit <u>in parti sewwa u in parti hazin</u>, giet negata lill-appaltatur kull parti mill-prezz fuq il-motiv li x-xoghol ma kienx sar skond ma titlob is-

sengha. F'kazijiet ohrajn il-Qorti ordnat li titnaqqas mis-somma li tigi mhallsa somma stmata mill-perit bhala kumpens ghad-difetti fix-xoghol, specjalment meta ma jkunx aktar possibbli jew prattikabbli li jigu rrangati d-difetti" (**C. Gauci vs M. Grixti**, App 23/01/1995).

Illi z-zewg periti teknici nominati minn dina l-Qorti ma qablux bejniethom u waslu ghal-konkluzzjonijiet divergenti. L-Ing. C. Cuschieri jsostni li dak li hemm imnizzel fil-ftehim Dok. A gie kkonsenjat kollu lis-socjeta attrici mentri l-perit tekniku addizzjonali R. Spiteri kkonkluda li Blye *has failed to supply, deliver and commission one complete system to Perla.*

Certi nuqqasijiet huma ravvizati fiz-zewg rapporti ghalkemm imbaghad il-konkluzzjonijiet taz-zewg periti huma differenti.

(i) Il-problema tas-shana fl-airconditioning giet rikonoxxuta anke mill-Ing. C. Cuschieri tant li fir-relazzjoni tieghu analizza r-ragunjiiet ghaliex kien hemm dik il-problema fil-heating fix-xitwa.
(ii) Gie accettat li l-bulk gas tanks difficilment jistghu jitqieghdu fuq il-bankina quddiem il-lukanda li hija dejqa u zgur mhux post adekwat.
(iii) Informazzjoni fuq is-sistema nstallata ma nghatax lis-socjeta attrici.
(iv) Dwar l-ammont ta’ gass uzat fis-sistema rrizulta li din is-sistema kienet tirrikjedi hafna gass.
(v) Hemm qbil li kien hemm problema fl-insulation tas-sistema, tant li l-perit C. Cuschieri ta €3,000 kumpens lis-socjeta attrici.
(vi) Kien hemm nuqqas ta’ feed and expansion tank u l-perit Cuschieri akkorda €250 lis-socjeta attrici.
(vii) Minhabba nuqqas ta’ as built drawings u manual l-perit Cuschieri ta €500 lis-socjeta attrici.

Il-perit C. Cuschieri pero jikkontendi li fuq is-sistemi tal-airconditioning u d-domestic hot water (l-ilma shun tal-kmamar tal-banju) ma kienx hemm ilmenti u s-sistema hadmet il-bicca l-kbira tas-sajf 2006 minghajr problemi (ara para. 16-18 fol. 373). Il-problema li kien hemm tal-

heating fix-xitwa kienet dovuta ghaliex il-'gas supply' li pprovdiet is-socjeta attrici ma kienx qed ilahhaq mad-domanda u b'rizultat li uhud mic-cilindri tal-gass bdew jiffrizaw u jwaqqfu s-sistema. Skont il-perit C. Cuschieri, kieku c-cilindri tal-gas kienu jinbiedlu b'mod regolari u iktar kienu jintuzaw il-warming jackets kieku s-sistema setghtet tahdem b'mod normali (para. 62 fol. 379).

Il-perit R. Spiteri ma jaqbilx mal-perit Cuschieri. Hu ighid illi:

Only 1 chiller was supplied and installed. The existing chiller cannot be separated into 2 individual chillers as there is only one evaporator and one control panel. <u>This is a serious shortcoming and renders the comfort cooling system as incomplete</u>.

The gas water heater supplied and installed is not suitable and adequate for its intended purpose where large amounts of hot water are simultaneously/instantaneously required. The Acknowledgment of Order Dok. A stipulated hot water boilers but instead hot water heaters have been installed. <u>This is a serious shortcoming and renders the comfort heating system and the hot water system as incomplete based on the wrong equipment being supplied.</u>

The method of insulation used is sub-standard since a majority of the joints and elbows have not been insulated and <u>hence rendering the installation of the insulation incomplete.</u>

The chilled water plumbing for the comfort cooling is not adequate and suitable for its application. The wrong material has been supplied and installed which may have adverse effect on the hotel due to the sudden cracking of the chilled water pipes resulting in the flooding of the hotel rooms. <u>This evidence renders the installation of the water pipes as incomplete and not as per manufacturers's recommendations.</u>

There is enough evidence to substantiate that the system and its requirements were incorrectly designed. The domestic hot water system is flawed both in design and in the equipment chosen.

Blye has failed to supply the required documentation (see para. 41) regarding the supply and installation of each of the three systems. It is the responsibility and obligation of the contractor (Blye) to supply and install as per regulations, standards and approved code of practice applicable at the time of installation and not the owner (Perla).

The Acknowledgment of Order (Dok. A) for the supply and installation of the three systems is considered complete when: (i) the equipment is supplied as agreed in quantity and quality; (ii) the selection of the equipment /plant is suitable and adequate for their intended purpose; (iii) the equipment is installed as per best practice; (iv) the equipment together with their installation make up a system. The completion of the works is deemed to occur when the commissioning of each system is carried out. The final handover of these systems is deemed to occur after this commissioning occurs and the test results and documentation including the drawings are given to the owner.

Under normal work practices due to the lack of proper commissioning, none of the systems are deemed as being handed over.

**<u>Blye has failed to supply, deliver and commission one complete system to Perla.</u>**

Li jrid jigi deciz ghalhekk f'dan l-istadju huwa jekk il-problemi riskontrati miz-zewg periti fis-sistema mwahhla mis-socjeta konvenuta humiex, fil-fehma tal-Qorti problemi li jistghu jigu rrangjati billi jsiru xogholijiet riparatorji fuqha, kif iddecieda l-perit Cuschieri skont (i) u (ii) talbiet attrici jew tali problemi huma daqshekk gravi, kif jidher li kkonkluda l-perit Spiteri, li l-uniku rimedju hu li jigi xjolt il-kuntratt skont it-(iii) (iv) jew (v) talbiet attrici ghax is-

sistema m'hijiex tal-kwalita' pattwita u addata ghall-uzu li jrid isir minnha.

Il-Qorti m'hijiex qed tippretendi li taf bizzejjed dwar l-aspetti teknici marbuta mal-kaz lil hinn minn dawk murija lilha mill-perit tekniki mqabbad minnha. Hija ghalhekk se tibbazza d-decizjoni u l-konkluzzjonijiet taghha abbazi tal-aspetti kollha tal-kaz u l-provi kollha li tressqu li jsostnu konkluzzjoni wahda minn ohra. Il-qofol. tal-kwistjoni tibqa' jekk is-socjeta konvenuta wettqitx tajjeb l-appalt moghti lilha jew jekk in-nuqqasjiet indikati mill-esperti humiex gejjin minn xi kawza ohra.

**Sistema ta' airconditioning b'arja kiesha**

Illi s-socjeta konvenuta tghid li dwar is-sistema tal-ksih ma kienx hemm ilmenti mis-socjeta attrici u l-perit tekniku Cuschieri kkonferma li din is-sistema ma kienx fiha problemi.

Is-socjeta konvenuta ssostni ukoll li l-konkluzzjonijiet tal-perit Spiteri f'dan ir-rigward ghandhom jitwarrbu ghaliex meta huwa, fir-relazzjoni tieghu, sab ukoll nuqqasijiet f'din is-sistema, huwa mar oltre l-inkarigu tieghu u ttratta kwistjonijiet u rrefera ghal fatti mqajjma minnu ex officio.

Is-socjeta attrici wiegbet li hija fil-fatt kellha problemi anke f'din is-sistema meta fis-sajf 2007 is-sistema kellha terga taqleb mis-shun ghal fuq il-kiesah. Hi taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-perit addizzjonali u tghid li m'ghandhomx jitwarrbu l-konkluzzjonijiet tal-perit Spiteri nonostante li ghamel kostatazzjonijiet teknici, li ma ssemmewx mill-partijiet. Hi ssostni li huwa appuntu ghalhekk li jitqabbdu l-esperti billi huma mharrga professjonalment u mghallma bizzejjed dwar l-aspetti teknici marbuta mal-kaz u ghalhekk jistghu jirreferu ghal dawk l-aspetti teknici kollha li jigu kostatati minnhom u li huma pertinenti biex jaslu ghall-konkluzzjonijiet taghhom. Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni.

Il-perit addizzjonali Ray Spiteri innota li fuq is-saqaf tal-lukanda kien hemm chiller wiehed mentri skont il-ftehim

Dok. A kienu gew ordnati tnejn. Ighid li kien hemm sistema wahda li tipproduci ilma kiesah ghal air conditioning u s-socjeta konvenuta ma setghetx taghmel chilling plant wiehed b'funzjonijiet differenti. F'dan il-kaz il-fatt li hemm sistema wahda ma jissodisfax dak li gie miftiehem u ghalhekk ma giex konsenjat dak li gie miftiehem. Il-perit Spiteri jaghti ezempju ta' ordni ghal zewg ajruplani u minflok jigi kkonsenjat ajruplan wiehed b'erba magni minflok tnejn. F'dan il-kaz kien hemm erba' kompressuri zghar li ma kienux ilahhqu mad-domanda ikbar li kien hemm fil-lukanda.

Jirrizulta, u hawn anke il-perit Cuschieri jaqbel, li l-pipes ma kienux insulati kif suppost skont kif titlob is-sengha. L-insulation saret fuq il-pipes dritti u fuq postijiet fejn ikun hemm fittings ma sarx l-insulation u baqa' kollox mikxuf. Ghalkemm Ray Mallia ighid li l-insulation ma taghmilx differenza, hemm qbil bejn iz-zewg periti teknici, u anke dawk ex parte, li l-konsegwenza hija li jkun hemm hela ta' energija, titrabba condensation u l-fittings jiddeterjoraw kif ukoll taghmel hsara lill-bqja tal-insulation.

Jirrizulta wkoll li gie uzat incorrect plumbing material cioe sar uzu minn certi pipes li ma jistghux jintuzaw fuq sistemi ta' chilled water fuq temperatura baxxa. Issemmiet ukoll il-kwistjoni tar-remote control u temperature probe li tinsab barra mill-unit, cioe barra mill-fan coil li mhumiex skont il-ligi ghax imkien ma jitpoggew barra mid-design u jhalluha mdendla fuq barra.

Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni tal-perit Spiteri li s-sistema fir-rigward tal-chilled water system m'hijiex kompleta u biex tittranga trid tigi smantellata. Anke l-Ing. C. Sammut, prodott ex parte mis-socjeta attrici, sab l-istess deficjienzi li semma l-perit Spiteri f'dan ir-rigward.

Ghar-rigward tal-ilma shun fil-kmamar tal-banju dawn jiddependu fuq is-sistema kollha kif tahdem jew ma tahdimx.

**Air conditioning b'arja shuna**

Is-socjeta konvenuta ssostni li jekk wiehed jikkunsidra 'as a whole' l-konkluzzjonijiet favorevoli tal-perit Cuschieri fuq is-sistema istallata (konkluzjoni 58 sa 64 fol. 379) kif ukoll dak sottomess minnha dwar l-underground bulk storage gas tanks[2], dawn kellhom isolvu l-allegat ilment[3] dwar 'heating' fil-kmamar, u l-allegati nuqqasijiet fl-insulation jispiccaw fix-xejn (fol. 488). Hija tikkontendi li ma kinitx responsabilita tas-socjeta konvenuta li tinforma lis-socjeta attrici dwar x'kwantita ta' gass jehtiegu l-water heaters biex jahdmu sew. Ghas-socjeta konvenuta l-problema kienet semplicement li s-socjeta attrici ma kinitx qed tbiddel ic-cilindri tal-gass jew ma tibdilhomx fil-hin.

Il-Perit Cuschieri isemmi li kien hemm din il-problema tal-heating fix-xitwa izda ma jghidx jekk kinitx ir-responsabilita li s-socjeta konvenuta li tinforma lis-socjeta attrici rigward l-uzu tal-gas water heaters u li fix-xitwa dawn iridu hafna gas. Lanqas ma jghid jekk l-inkonvenjent ta' garr spiss tac-cilindri u l-bdil spiss taghhom jikkostitwixxiex nuqqas kbir jew zghir. Ighid pero' li kieku c-cilindri inbidlu b'mod regolari u intuzaw warming jackets is-sistema kienet tahdem b'mod normali.

Is-socjeta attrici tghid li s-sistema tal-conditioning fuq is-shun qatt ma hadmet tajjeb. Is-sistema imwahhla kienet tiehu hafna gas. Huma ma riedux sistema li tahdem bil-bulk LPG Gas billi din kienet tirrikjedi cilindri kbar u l-lukanda tas-socjeta attrici ma kelliex post adegwat ghalihom u l-bankina fejn gie ssuggerit li jitqieghdu m'hijiex taghhom. Hija tghid li Ray Mallia kien qallhom li zewg cilindri tal-25 kilo kienu bizzejjed u fil-fatt meta giet installata s-sistema fil-bidu kien hemm zewg cilindri u tnejn ohra spare.  Eventwalment spiccaw li lanqas b' 8 cilindri u tmienja spare ma hadmet.

Il-perit Spiteri ighid li dak li gie installat ma kienux boilers imma water heaters u l-iskop taghhom huwa biex

---

[2] Skont is-socjeta konvenuta dawn kellhom jitwahhlu taht l-art u mhux fuq il-bankina ghall-apert. Il-proposta mill-Enemalta tal- underground bulk storage gas tanks kienet skont il-ligi. (ara fol. 487). Il-konvenuti lanqas ma jaqblu mal-perit Cuschieri li qal li l-post mhux adekwat.

[3] Il-konvenuti jitkellmu dwar 'allegat' ilment billi skonthom, is-socjeta attrici qatt ma ppruvat thaddem is-sistema matul l-accessi u lanqas gabet provi konkreti dwar l-occupancy tal-lukanda fix-xhur tax-xitwa.

jipprovdu ilma shun ghal kmamar tal-banju u kcejjen f'xi appartament jew villa. Huma mhumiex disinjati ghal dak it-tip ta'xoghol li twahhlu ghalih f'dan il-kaz cioe ma jlahhqux mad-domanda ta' lukanda. Dawn huma heaters biex jipproducu ilma shun, u mhux heating ghax mhumiex tas-size biex jiffornixxu dik l-energija li jsahhnu lukanda  Il-problema  li kellha s-socjeta attrici ma kinitx tal-ilma shun imma ta' heating.

Irrizulta li billi dawn il-heaters ma setghux jfornu dik l-energija c-cilindri tal-gass ma bdewx ilahhqu u bdew jiffrizaw. Is-sistema li twahhlet mis-socjeta konvenuta kellha bzonn tant gass li c-cilindri li twahhlu (anke meta poggew tmienja) ma kienitx qed tlahhaq mad-domanda. Anke l-perit Cuschieri qabel li il-konsum tal-gass fix-xitwa ikun gholi u kien f'dan il-perjodu li s-socjeta attrici ilmentat li s-sistema ma kinitx qed tahdem tajjeb u ma kienitx qed tlahhaq mad-domanda.

Ray Mallia insista hafna li huwa ma kellux x'jaqsam mal-provvista tal-gass biex tahdem is-sistema. Il-Qorti pero taqbel mal-perit Spiteri meta ighid ghalkemm il-provista tal-gass ghal hot water heaters kienet responsibilita  tas-socjeta attrici izda kien l-obbligu tas-socjeta konvenuta li tinforma lil klijent kemm kien hemm bzonn fuel u f'liema kwanitita biex is-sistema tahdem. Dan l-obbligu huwa fundamentali billi l-klijent ghandu jkun jaf kif irid ihaddem is-sistema u kemm fuel ser ikollu bzonn qabel jiddeciedi li jixtri s-sistema. Mhux taghtih l-apparat u titilqu ghal rihu.

Dwar il-kwistjoni ta' hazna tal-gas LPG fil-lukanda l-Qorti taqbel mal-perit tekniku addizzjonali li s-sistema tal-hot water u tal-comfort heating systems ma setghux joperaw fuq hazna ta' bulk storage LPG supply taht il-bankina magemb il-hotel ghar-ragunijiet imsemmija minnu fir-rapport tieghu.  Tal-istess opinjoni kien l-Inginier F. Stivala li qal illi fl-ahjar ipotesi "The chances of installing bulk LPG are poor, meaning that getting the existing system to function correctly may be a difficult task".

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li s-sistema mwahhla m'hijiex adatta ghal uzu li kellu jsir minnha mis-socjeta attrici u

ghalhekk ix-xoghol irid jinbidel. Il-Qorti ma taqbilx mal-perit Cuschieri li l-problema kienet ser tissolva billi s-socjeta taghmel uzu minn heat belts. Il-problema kienet fis-sistema kollha u mhux fuq l-iffrizar tac-cilindri biss. Is-socjeta attrici harget flus tajbin u ghalhekk kellha dritt tistenna li tinghata sistema li tahdem u mhux wahda li tahdem by trial and error. Is-soluzzjoni mhijiex li jsiru xi tiswijiet fis-sistema jew heat belts, billi hija s-sistema per se li hija hazina. Mhijiex kwistjoni biss ta’ nuqqas ta’ gass imma tat-tip ta’ apparat (water heaters) li intuza biex jaghti energija lil-lukanda - a muptiple domestic system applied to a commercial system for hot water generation. Dan bhal meta wiehed jipprovdi karozza Mini Minor (li wkoll tahdem bil-petrol) biex tipprovvdi transport ghat tfal tal-iskola.

Ghalhekk it-talbiet tas-socjeta attrici f’dan ir-rigward ghandhom jintlaqghu.

**Dokumentazzjoni**

L-ewwel perit tekniku Carmel Cuschieri jsemmi wkoll li ma’ din l-ordni Dok. A ma kienx hemm technical specifications u lanqas xi forma ta’ drawings u jattribwixxi dan in-nuqqas ghaz-zewg nahat. Inoltre dwar commissioning jghid li ghalkemm ma kienx hemm commissioning formali izda effettivament kien hemm hand over b’mod verbali.

Skont is-socjeta konvenuta kellha tkun is-socjeta attrici li tinsisti li kollox jitnizzel bil-miktub fl-ordni u jekk per ezempju riedet id-dokumentazzjoni, manuals jew blueprint, hija kellha thallas ghalihom.  Ghalhekk hija ma taqbilx mal-konkluzzjonijiet tal-perit Cuschieri fejn huwa sab nuqqas da parti taghha f’dan ir-rigward.

Dwar dokumentazzjoni hemm kwazi ammissjoni da parti ta’ Ray Mallia li dokumentazzjoni ma nghatax ghax qal li m’hijex fl-ordni u jekk riedu dik id-dokumentazzjoni kellhom ihallsu ghaliha (fol. 236).

Illi dwar dokumentazzjoni z-zewg periti nominati mill-Qorti kkonkludew li d-dokumentazzjoni ma nghatatx. Fil-fehma tal-Qorti dina kellha tinghata mis-socjeta kovenuta bhala parti mill-appalt mas-sistema li hija wahhlet. Ma taqbilx pero mal-perit Cuschieri li s-socjeta attrici ghandha tigi kkumpensata fi flus billi s-socjeta attrici kellha bzonn manuals kif thaddem is-sistema u bil-flus ma kienitx ser issolvi l-problema.

Fil-kaz tal-commissioning, l-Qorti tghid li din ma saritx. Ray Mallia xehed li s-sistema hija wahda hafifa ghalkemm daqsxejn teknika u jsostni li l-impjegat tas-socjeta attrici kien jaf ihaddima ghax huma kienu urew kif tahdem. Il-Qorti taqbel mal-perit Spiteri li kien dover tas-socjeta konvenuta li taghmel il-commissioning tas-sistema billi meta s-socjeta konvenuta tkun stallat kompletament is-sistema, kellha, qabel taghti l-handover, tghid lir-rapprezentant tal-lukanda, biex iduru kollox flimkien, jittestjaw is-sistema u imbaghad taghti l-handover. Dan pero ma sarx. Kien hemm partijiet li ma sarux, partijiet li kellhom jinbidlu u x-xoghol sar qisu fuq sistema ta' trial and error. Ma jistax jinghata handover ta' sistema li ma hijiex kompleta.

**Konkluzzjoni**

Ghalhekk il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li s-socjeta konvenuta naqset li tesegwixxi l-appalt skont is-sengha u l-arti. Kien henm nuqqasijiet ta' natura generali li jindikaw poor workmanship u ntuza aparat hazin jew mhux addatat. Is-sistema li kellha titwahhal fil-lukanda tas-socjeta attrici ma kellhiex tkun qiesa sistema domestika imma sistema li tkessah u ssahhan li trid tlahhaq ma' uzu kummercjali ta' lukanda bil-prezenza fiha ta' ghadd ta' nies f'daqqa. Kellha tkun sistema akbar u aktar qawwija minn dik li twahhlet.

Il-Qorti tqis li dawn in-nuqqasijiet huma sostanzjali, li ma jistghux jigu rrangajati u ghalhekk ghandhom jwasslu ghal sejbien ta' inadempiment min-naha tas-socjeta konvenuta billi ix-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti. Is-socjeta attrici ghandha dritt li titlob ir-rimedju abbazi tat 3, 4 u 5

talbiet billi fl-dan l-istadju mhux possibili li jsiru riparazzjonijiet fis-sistema ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Ir-riparazzjonijiet li semma l-perit Cuschieri ma kienux ser jsolvu l-problemi riskontrati ghaliex is-sistema li giet konsenjata ma kienitx tal-kwalita' pattwita.

F'dawn ic-cirkostanzi l-kontrotalba tas-socjeta konvenuta ma tistax tigi milqugha.

Dwar il-Lm3,000 li diga gew mhallsa mis-socjeta attrici, l-Qorti hi tal-fehma li dawn ghandhom jigu rifuzi lis-socjeta attrici.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg talbiet tas-socjeta attrici; tilqa' t-tielet talba u tordna lis-socjeta konvenuta tirrifondi is somma ta' Lm3,000 (€6,988.12) imhallsa akkont mis-socjeta attrici; tilqa' r-raba talba b'dan izda li qed tawtorizza lis-socjeta attrici tezegwixxi hija x-xogholijiet kollu necessarji biex tigi smantellata s-sistema li giet imwahhla u dan bl-inqas hsara possibbli entro tlett xhur mill-lum u illi s-socjeta konvenuta tippresta ruhha biex tiehu lura l-apparat kollu konsenjat u dan taht id-direzzjoni tal-perit Raymond. Spiteri li qed jigi nominat ukoll ghal dana l-iskop ai fini tal-hames talba, a spejjez tas-socjeta konvenuta.

Tichad il-kontrotalba tas-socjeta konvenuta

Spejjez kollha inkluz tal-kontrotalba ghas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------